DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1680

tas-7 ta' Ottubru 2019

li tikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Ċeka tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Wara li kunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 ([3]) fiha l-iżbalji fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 u fl-Artikolu 2 fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk u sa fejn il-makkinarju manifatturat f'konformità mal-istandards armonizzati elenkati fl-Annessi II u III ta' dik id-Deċiżjoni, huwa preżunt li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali u rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza tad-Direttiva 2006/42/KE.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Ċeka tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet tal-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([2]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 tat-18 ta' Marzu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, 19.3.2019, p. 108).

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER